

L-EUSPA tiċċelebra l-ewwel 365 jum tal-eżistenza tagħha b'servizzi ġodda, b'aktar utenti u b'satellita Galileo ġdida fis-servizz!

EUSPA/PR/22/05 Praga, 12/5/2022

Sa mill-ħolqien tagħha, l-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali (EUSPA) ilha żżid l-aċċess għad-dejta u s-servizzi spazjali tal-UE, mhux biss fl-Ewropa, iżda madwar id-dinja. B'satellita ġdida Galileo fl-Orbit, diversi servizzi ta' satnav fis-seħħ u ħafna oħrajn ġodda għaddejjin, l-ewwel sena tal-EUSPA teżemplika l-missjoni tagħha li tgħaqqad l-ispazju mal-ħtiġijiet tal-utenti.

Permezz tal-adozzjoni tar-Regolament dwar l-Ispazju tal-UE mill-Kunsill u mill-Parlament tal-UE, l-Unjoni Ewropea stabbiliet ruħha fuq trajettorja spazjali ġdida. B'żewġ sistemi avvanzati ta' navigazzjoni bis-satellita, Galileo u EGNOS, l-aqwa sistema ta' Osservazzjoni tad-Dinja (EO), Copernicus u l-GOVSATCOM li għadu ġej, l-Unjoni Ewropea tista' tindirizza t-tibdil fil-klima u tixpruna l-ekonomija diġitali filwaqt li tiżgura s-sovraniġà tal-UE.

L-EUSPA topera s-sistemi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita Galileo u EGNOS. L-EUSPA hija wkoll il-gwardjan għal Programm Spazjali tal-UE sigur, li jipprovdi lill-utenti finali bil-fiduċja li jkunu jafu li d-data derivata mill-ispazju li jiddependu minnha hija sikura u sigura. L-aġenzija għandha rwol ċentrali fl-adozzjoni mis-suq tad-data u s-servizzi offruti mill-komponenti tal-Programm Spazjali tal-UE. L-EUSPA qed tiġġestixxi wkoll l-iżvilupp ta' Ċentri tal-GOVSATCOM, li se jipprovdu kapaċitajiet ta' komunikazzjoni siguri u kosteffiċjenti għal missjonijiet, operazzjonijiet u infrastruttura governattivi kritiċi għas-sigurtà u s-sikurezza.

Biex tfakkar l-ewwel anniversarju tagħha, l-EUSPA tirrifletti fuq il-kisbiet tagħha s'issa:

- **Bħalissa għaddejjin żewġ servizzi ġodda ta' innovazzjoni: Servizz ta' Preċiżjoni Għolja u l-Galileo OSNMA**
- **Id-dħul fis-servizz ta' satellita Galileo ġdida** għal preċiżjoni addizzjonali għall-utenti finali
- **Il-pubblikazzjoni tar-rapport tas-Suq tal-EO u tal-GNSS**, studju komprensiv tal-intelliġenja tas-suq li jipprovdi xejriet għall-imprendituri u l-investituri.
- **3.1 biljun smartphoneli jistgħu jużaw Galileo-mibjugħa globalment mill-2016**

"Jien kburi immens b'dak li kisbet l-EUSPA f'sena. Jien kburi wkoll li qiegħed fit-tmexxija ta' organizzazzjoni b'persunal professjonali dedikat, b'mentalità orjentata lejn is-servizzi li jaħdem biex jagħmel l-Ispazju tal-UE aċċessibbli għaċ-ċittadini," jgħid Rodrigo da Costa, id-Direttur Eżekuttiv tal-EUSPA. "L-EUSPA tibqa' impenjata sabieħ tgħin lill-Unjoni u liċ-ċittadini tagħha jimmassimizzaw il-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-ispazju."

[Agra aktar hawnhekk](#)

Dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) tipprovdi servizzi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita sikuri u siguri, tippromwovi l-kummerċjalizzazzjoni tad-data u s-servizzi ta' Galileo, EGNOS u Copernicus u tikkoordina l-programm governattiv ta' komunikazzjoni bis-satellita GOVSATCOM li jmiss tal-UE. L-EUSPA hija responsabbli mill-akkreditazzjoni tas-sigurtà tal-komponenti kollha tal-Programm Spazjali tal-UE. Billi trawwem l-iżvilupp ta' settur spazjali innovattiv u kompetittiv u tinvolvi ruħha mal-komunità Spazjali kollha tal-UE, l-EUSPA tikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u għat-tranżizzjoni diġitali, is-sikurezza u s-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini tagħha, filwaqt li ssaħħaħ l-awtonomija u r-reżiljenza tagħha.

Għal aktar informazzjoni:

Marie Ménard, Uffiċjal tal-Komunikazzjoni tal-EUSPA: Marie.Menard@euspa.europa.eu

Tel: +420 237 766 627 - Mobile: +420 602 619 776